SANNAT

Minuti tas-sebgħa u tletin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 20 ta' Ottubru, 2011 fis-8.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1825 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 35 li saret fil-15 ta' Settembru 2011 u l-minuti tal-laqgħa 36 li saret fit-22 ta' Settembru 2011.

**Item 2. Mill-Minuti**

1826 Il-Kunsill ġie avżat li l-kawża fil-Qorti tal-art fejn il-Barumbara ġiet differita għall-15 ta' Diċembru 2011. L-avukata talbet lill-maġistrat biex il-partijiet l-oħra jippreżentaw id-dokumenti li qed jgħidu li għandhom rigward l-art in kwistjoni u għadhom ma ġewx ippreżentati.

1827 Rigward it-tender 05/2011 tal-proġett tar-Recreational area ta' Daħla taċ-Ċnus, il-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. ġie jiltaqa' mal-Kunsill rigward id-diffikultajiet li għandu. Huma bagħtu ittra li għandhom problema tal-materjal f'item 9 tal-Bill of Quantities dwar il-grass blocks 50 mm. Huma sabu tal-100 mm biss u hu €12.50ċ iżjed kull metru kwadru. Il-perit talbu biex iġib tliet kwotazzjonijiet għal dan il-materjal. Hu talab kwotazzjoni lil tlett produtturi tal-konkos u ilkoll qalulu li dak ta' 50 mm ma jsirx. Hu ppreżenta kopja tar-risposta tagħhom. Il-Kunsill qabel li dan il-*grass blocks* isir ta'100 mm. Il-kuntrattur qal ukoll li l-ħitan tas-sejjieħ mhux jiġu rranġati għandhom bżonn kif hemm fit-tender imma jinqalgħu mill-qiegħ u jinbnew mill-ġdid. Qal ukoll li jekk isir hekk l-ammont li hemm fit-tender mhux ser jinqabeż. Il-Kunsill qabel li ż-żewġ ħitan jinqalgħu u jsiru mill-ġdid. Il-perit għandu jiġi nfurmat dwar dan u jagħti priorita lil dan il-proġett għaliex ma għadx baqa' ħafna żmien biex jitlesta. Is-Segretarju ippreżenta l-Kuntratt ta' dan il-proġett bid-data ta' tlestija tkun dik tal-15 ta' Novembru 2011 għaliex wara jridu jitpoġġew l-imwejjed u jitħawlu s-siġar. Is-Sindku ħalla dan l-iffirmar għal darba oħra biex jiġi deċiż data oħra ta' meta l-kuntrattur ilesti l-proġett.

1828 Rigward il-ħlasijiet tal-għoti tal-*hot rolled asphalt* fi Triq il-Blat u Triq V. Caruana Spiteri, is-Segretarju għandu jippreżenta d-dokumenti lill-Avukat tal-Kunsill biex jagħmel r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

1829 Rigward il-proġett tal-Measure 323 tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ PA/04931/10, il-MEPA talbet biex isiru pjanti ġodda bit-talba għal restawr tal-ħajt eżistenti biss. Din l-applikazzjoni biex jinbena ħajt ieħor mhix aċċettabli għaliex qalu li ser tikkrea passaġġ ġdid.

1830 Il-Kunsill irċieva risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar it-talba tal-Kunsill biex jipprovdi t-transport tat-tfal tal-iskola primarja. Il-Kunsill ġie nfurmat li jista' jagħmel l-arranġamenti biex jipprovdi dan is-servizz sakemm għandu l-fondi ivvutati għal din in-nefqa u li din ma tkunx a skapitu tal-funzjonijiet statutorji tiegħu. Applikazzjonijiet kien hemm tnejn u għoxrin biss. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-ġenituri ta' dawn it-tfal fejn jiġu nfurmati li l-Kunsill ma għandux flus ivvutati għal dan is-servizz imma xorta ser jorganizza dan is-servizz u l-ispejjeż jitħallsu mill-ġenituri.

**Item 3. Korrispondenza**

1831 Memo 87/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar lis-Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali 2011 għal aħjar erbgħa proġetti kreattivi li ser jingħataw €25,000 kull wieħed. Żmien tal-applikazzjoni hemm sal-20 ta' Ottubru 2011.

1832 Memo 88/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar seminar bit-tema *Promoting sustainable partnerships* organizzat mill-MEUSEC għal Kunsilli Lokali.

1833 Memo 89/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward attivitajiet fil-lokalitjiet b'risq il-Malta Community Chest Fund.

1834 Memo 90/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-lokalitajiet 2012. Żmien hemm sal-27 ta' Ottubru 2011.

1835 Memo 91/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Administration Fee għal ħlas ta' multi li jitħallsu fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsilli Lokali.

1836 Memo 92/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 28322 dwar dejn tal-Kunsilli Lokali biex iħallsu proġetti fil-lokalitajiet fosthom toroq u proġetti oħra.

1837 Memo 93/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali t-tieni waħda rigward *Administration fee* għal Ħlas ta' multi fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsilli Lokali.

1838 Memo 94/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Tabella fid-daħla ta' kull Playground tal-Kunsilli Lokali.

1839 Memo 95/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward proġetti taħt wieħed mill-Programm tal-Unjoni Ewropea u dwar is-servizz ta' konsulenza mis-settur privat biex jibbenefikaw minn xi programm tal-Unjoni Ewropea.

1840 Memo 96/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 27811, 28727 rigward il-bring in sites u persuni rresponsabli li qed jiġu jaqgħu u iqumu mill-iskart u rigward kemm Kunsilli Lokali għandhom kawżi quddiem il-Qorti.

1841 Memo 98/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 28760 dwar in-numru ta' toroq li mistennija li jsiru u jitlestew din is-sena kif ukoll għas-sena 2012.

1842 Memo 99/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 28762 dwar toroq residenzjali li saru f'kull lokalita' matul din is-sena.

1843 Memo 100/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 28763 dwar kemm inħarġu flus minn kull Kunsill Lokali f'servizzi infrastrutturali fit-toroq residenzjali li kellhom jerġgħu jsiru.

1844 Memo 101/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 28767 dwar liema huma l-persuni li nħarġitilhom irċevuta mill-Kunsill Lokali fis-sena 2011 u mhumiex reġistrati taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

1845 Memo 102/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 28764 dwar *Balance Sheet* aġġornata sal 31 ta' Settembru 2011 flimkien ma' lista ta' commitments li għandu il-Kunsill u li ma jidhrux f'din il-*Balane Sheet*.

1846 Memo 103/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar konferenza bit-tema *Building together sustainable localities*, organizata b'kollaborazzjoni bejn il-MEUSAC u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ser issr il-Ħadd 28 ta' Novembru 2011.

1847 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-Kunsill għandu jirċievi €3,750 mill-iskema Lokalitajiet Zgħar 2010 għal iskavazzjoni li tkompliet issir tal-Loġġa bħala parti mill-proġett Mgarr ix-Xini Regional Park.

1848 Ittra mid-Dipartiment li l-Kunsill għandu jirċievi €450 mill-Iskema Lokalitajiet Indaf 2009.

1849 Ittra mid-Dipartiment biex il-Kunsilli jibagħtu l-invoices, l-irċevuti fiskali u s-Schedule of Payments relatati mal-iskema tal-libreriji lokali sal-aħħar ta' Diċembru 2011.

1850 Rigward il-Memo 66/2011 dwar l-iskema ta' titjib fi playing field eżistenti, il-Kunsilli ġew infurmati li l-applikazzjoni trid tintbagħat kemm bil-posta kif ukoll b' email. Trid tintbagħat stima tal-perit. Żmien hemm sa 28 ta' Ottubru 2011.

1851 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li s-somma ta' €640.67 tnaqqset bħala penali mill-allokazzjoni finanzjarja talli r-rapport tal-awditur ma wasalx fil-ħin. L-Unaudited accounts u Fnancial Statements mis-Segretarju daħlu fil-ħin, imma dawk tal-awditur u r-risposta tal-Management Letter daħlu tard.

1852 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-PPP. Id-Dipartiment ġie nfurmat li l-Kunsill qed jikkunsidra li jagħmel triq waħda għaliex ma għandux flus biex jagħmel tliet toroq. Gew infurmati li t-tender ġiet iktar mid-doppju ta' dak li kienet stmatha mill-perit.

1853 Id-Dipartiment ħareġ sejħa għall-applikazzjonijiet dwar Taħriġ speċjalizzat li jikkunsistu f'Korsijiet u Workshops. Żmien għal applikazzjoni hemm sa 26 ta' Ottubru 2011.


Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

1854 Informazzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali li ssir konferneza dwar *Employee Supported Volunteering* nhar it-28 ta' Ottubru 2011.

1855 Talba għal informazzjoni mill-Evaluation Board tal-Local Councils Co-Fanancing Fund dwar il-proġetti tat-313 u 323 dwar il-Co financing tagħhom.

1856 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsilli Lokali li applikaw għal lis-skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012 jibgħatu il-kwotazzjonijiet u *breakdown of expenses* tal-applikazzjoni li għamlu.

1857 L-Assoċjazzjojni tal-Kunsilli Lokali dwar konferneza Progett STANDUP li ser issir fid-29 ta' Ottubru 2011, il-Belt.

1858 L-Assoċjazzjojni tal-Kunsilli Lokali avżat li fit-18 ta' Ottubru 2011 ser issir laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex dwar is-swieq fil-beraħ, il-hawkers u l-ftehim kollettiv tal-ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali.

1859 Ser issir laqgħa għal Kunsilliera mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar is-Sibt, 19 ta' Novembru 2011 fil-Meridien Hotel San Giljan fid-8.45 a.m.

1860 Rigward id-Devoluzzjoni tas-sit ta' Ras in-Newwiela biex isir il-proġett taħt Measure 313 Il-Bidwi Park, il-Kunsill ġie nfurmat li l-pjanta tal-MEPA saret ukoll fuq biċċa art żgħira oħra li mhix inkluża fid-devoluzzjoni. Id-Dipartiment tal-Artijiet talba lill-Kunsill biex jagħmel talba oħra għal estensjoni biex tiġi devolutha għaliex din żdiedet wara l-applikazzjoni oriġinali.Il-Kunsill qabel li ssir din it-talba għad-devoluzzjoni ta' din il-biċċa art żgħira oħra.

1861 Joe M. Attard kiteb lill-Kunsill fejn qal li hu ħa ħsieb li jidher artiklu dwar l-attivita' fuq in-Nazzjon. Talli għamilha ta' PRO ma jrid xejn imma talli ġie jippreżenta s-serata ser iħalli f'idejn il-Kunsill Il-Kunsill qabel li dan jitħallas €25 tax-xogħol li għamel waqt l-attivita'.

1862 Ittra mill-MEPA biex issir plakka kommemorattiva bil-logos tal-MEPA u l-UIF għal proġett ta' Triq it-28 ta' April 1688. Dawn għandhom jagħlu plakka u jibgħatuha lill-Kunsill biex titwaħħal.

1863 Il-MEPA talbu nformazzjoni dwar l-istatus tal-applikazzjoni ta' dawl ta' Triq Sannat fl-iskema tal-Urban Improvement Funds. Dawn intalbu estensjoni u ġew infurmati li t-tender ħarġet u ser tiġi mogħtija.

1864 Il-MEPA infurmat lill-Kunsill li saret applikazzjoni mill-proprjetarji Ta' Ċenċ dwar biex jagħmlu *amendment* fil-Kantra.

1865 Ittra mingħand Transport Malta rigward il-Bus Shelter ta' Triq ta' Ċenċ. Dawn talbu lil-Kunsill jekk applikax biex din tiġi spustjata x'imkien ieħor. Il-Kunsill qabel li din tiġi spustjata fejn ta' Jason Curmi fi Triq Ta' Ċenċ.

1866 Ittra mill-Ministeru għal Għawdex li d-Dipartiment tal-Kultura ser ifassal programm ta' wirjiet inkluż fil-lokalitajiet f'postijiet fejn jistgħu jsiru dawn il-wirjiet fil-2012. Il-Kunsill qabel li jipproponi s-sala tal-Kunsill.

1867 Ittra mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar il-programm *Empowerment*. Kull taħriġ jinkludi spiża ta' €300 fejn €150 toħroġhom l-Aġenzija Żgħażagħ.

1868 Il-Kunsill irċieva applikazzjoni biex it-tfal jipparteċipaw fil-proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ.

1869 Is-Sannat Lions F.C. kitbu lill-Kunsill li b'dispjaċir ma jistgħux iġeddu il-kuntratt li ser jagħlaq fl-4 ta' Novembru 2011 għaliex finanzjarjament bl-ammont ta' flus ta' tender ma jistgħux ifendu. Huma offrew li lesti jkomplu jagħmlu x-xogħol sa kemm tingħata t-tender il-ġdida. Il-Kunsill approva li dawn ikomplu bis-servizz sa kemm tinħareġ u tingħata t-tender il-ġdida. Is-Segretarju ried jippubblika l-avviż, imma s-Sindku ried li l-ewwel issir laqgħa fejn jinbidlu xi kundizzjonijiet tal-kuntratt.

1870 S.S. Lifts Ltd. bagħtu l-lift installation drawings għal uffiċċju l-ġdid bil-lista tax-xogħol li jrid isir inkluż it-twessieh tax-xaft tal-lift. Il-kuntrattur li bena l-uffiċċju għandu jiġi biex jaqla' l-ħajt biex jitwessa x-xaft tal-lift.

1871 Ittra mill-Wasteserv Ltd. rigward l-European Week for Waste Reduction li ser issir bejn id-19 u s-27 ta' Otttubru 2011. Żmien għal applikazzjoni hemm sal-31 ta' Ottubru 2011

1872 Ittra mingħand 3a Accountants li qed joffru s-servizzi tagħhom tal-accounts f'Għawdex.

1873 Ittra mingħand Subculture Animanl Friends li ser jitqassam ktejjeb lit-tfal tal-Year 4,5 u 6 rigward il-ħarsien tal-annimali. Dan ser ikun b'xejn u l-Kunsill ser jintalab iħallas €100 bħala għajnuna għall-ispejjeż.

1874 Lir-Richard Cauchi, il-kuntrattur tal-Street Lighting erġajna kellemnieh rigward in-numri tal-bozoz li għadhom ma twaħħlux.

1875 Is-Segretarju ġibed l-atttenzjoni tal-Kunsill li l-Business Plan għadu ma ġiex approvat. Rigward dan ser issir laqgħa.

**Item 4. Ħarġa għal Malta**

1876 Il-Kunsill qabel li ssir ħarġa għal Malta nhar it-Tlieta, 8 ta' Novembru 2011.

**Item 5. Attivita' World Children's Day**

1877 Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li fit-13 ta' Novembru 2011 issir attivita' tal-World Children's Day fejn jiġi mistieden il-President ta' Malta. Issemmew l-attivitajiet li ser isiru f'din l-attivita'. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ma għandux flus għal din l-attivita' għaliex għandu ħafna spejjes fl-uffiċċju amministrattiv il-ġdid.

**Item 6. Ilmenti**

1878 Joseph Vella ta' Melbourne, Triq ta' Durell ilmenta li l-bankina quddiem il-garaxx hi għolja u l-bieba tal-karozza qed tħokk mal-art.

1879 Josienne Aguis, Madonna ta' Pinu, Triq l-10 ta' Ottubru, ilmentat biex terġa ssir Bus Stop fi Triq il-Kbira fejn ta' Randu. Il-Kunsill ma qabilx għaliex hemm biżżejjed Bus Stops f'din it-triq.

SANNAT

1880 Dolora Grima għandha l-garaxx tagħha jinstab fi Triq Xamgħan ma' Triq Falkun u għandha r-raġel ma jiflaħx, u tablet biex din il-parti tat-triq li mhix imdawla tiġi mdawla bl-istess bozza jew issir oħra. Il-Kunsill qabel li din tiġi spustjata fil-kantuniera.

1881 Il-KIP ilmenta li għal darba oħra intefa materjal iebes go l-istess skip b'konsegwenza li l-iskip iċċarrat. Huma qalu li jekk jerġa' jiġri hekk il-koperattiva ser tieħu miżuri oħra. Il-Kunsill qabel li jkellem lil Galea Curmi Consultants rigward portable camera.

1882 M. Jane Vella, "Jacaranda" Triq-it-Tempju tal-Imramma, talbet biex jitneħħa l-litter bin li hemm quddiem id-dar tagħha fi 93, Triq Saguna. Il-Kunsill qabel li dan jitwaħħal fejn tal-Vjolin.

1883 Catherine Muscat, Begonia, Triq Skerla tablet biex jitpoġġa skip ieħor ħalli ma jintremiex żibel barra mill-iskip fl-art. Il-Kunsill ma qabilx għaliex hemm bin li hu biżżejjed f'din it-triq.

1884 Salvina Gauci ssuġġerixxiet li l-Kunsill ta' Sannat jingħaqad ma' dak tal-Munxar biex issir mini bus għat-tfal fi skejjel privati. Il-Kunsill qabel li jitkellem mal-Kunsill tal-Munxar biex tiġi organizzata mini bus bejn iż-żewġ Kunsilli Lokali.

1885 Ruben Vella, St John Court Flat 4, Triq ta;' Ċenċ dwar bozza li ma tantx turi fi Triq ta' Ċenċ faċċata ta' Salvu tal-Venun. Il-Kunsill għandu jivverifika dwar dan.

1886 John Saliba, Redentur, Triq l-10 ta' Ottubru talab biex jiċkienu d-*double yellow lines* peress li ma hemmx parking quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan.

1887 Saret talba biex issir bollard fil-kantuniera ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 ma' Triq il-Kbir li ġiet approvata.

1888 Tqajjem il-każ ta' Franġisk Buttiġieg rigward l-ilma tax-xita li qed jidħollu fil-proprjeta' tiegħu minn toqba li hemm fi Triq Ġdida fi Triq Dun Luqa, in-naħa ta' Ċenċ. Il-Kunsill qabel li dan il-każ jiġi vverifikat u jara x'jista' jsir.

**Item 7. Tender u Kwotazzjonijiet**

1889 It-tender tal-proviżjon tal-fanali ta' Triq Sannat

Ġie diskuss ir-rapport tal-inġiniera Galea Curmi tat-tender għall-proviżjon tal-fanali fi Triq Sannat. Dawn irrikmandaw Option 3 ta' E. Calleja & Sons Ltd. għall-prezz ta' €5,120. li kienet irħas mill-offerti tal-oħrajn. Apparti dan, dawn qalu fir-rapport tagħhom li ser tinżamm konformita mal-iżvilupp urban f'Ta' Sannat u li dawn jixbħu lil dawk li hemm fil-lokalita'.

Il-materja tal-offerti kien propost li jkun magħmul hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Calleja & Sons Ltd. | - | Expanse, resin & steel |
| Richard Cauchi | - | Expanse, Resin & steel |
| | | Cast iron and aluminium |
| Rapa Showrooms | - | Steel covered by resin |

SANNAT

Anton Zarb - Cast Iron Products

Caruana & Cini Ltd. - Aluminium

Il-Kunsill għażel Option 3 ta' Calleja & Sons Ltd. bil-fanali.

1890 Galea Curmi Consultants intalbu stima tax-xogħol skont it-tender tas-Street Lighting biex jiġu nstallati l-fanali fi Triq Sannat li hi €10,162.20ċ.

1891 Kwotazzjonijiet tal-PABX (Nru. /2011)

Infetħu l-kwotazzjonijiet tal-PABX għall-uffiċini tal-Kunill Amministrattiv il-ġdid li kienu:

**Quotation No. 07/2011**

Quotation for the Supply, installation, testing and commissioning of a Telephone System for new offices in Ta' Sannat

| No. | Contractor | **Amount** € |
|---|---|---|
| 1. | Strand Electronics Ltd. | 1,939.00 |
| 2. | A.T.S. Ltd | 3.572.00 |
| 3. | Comsec Ltd. | 2,605.80 |

1892 Kwotazzjonijiet tal-Purtieri (Nru. 05 /2011)

Infetħu l-kwotazzjonijiet tal-purtieri għall-uffiċini tal-Kunsill Amministrattiv il-ġdid li kienu:

**Quotation No. 05/2011**

Quotation for the Supply and installation of curtains for new offices in Ta' Sanna

| No. | Contractor | Amount € |
|---|---|---|
| 1. | J B Stores Ltd. | 2,943.18 |
| 2. | The Curtain Shop | 2,949.00 |
| 3. | Big Ben interiors Ltd. | 3,844.84 |
| 4. | B4 Textiles Ltd. | 3,000. 00 |

Il-Kunsill għażel dik ta' JB Stores Ltd. li kienet l-irħas waħda.

1893 Kwotazzjonijiet tal-Vertical Blinds (Nru. 6/2011)

Infetħu l-kwotazzjonijiet tal-vertical blinds għall-uffiċini tal-Kunill Amministrattiv il-ġdid li kienet waħda.

**Quotation No. 06/2011**

Quotation for the Supply and installation of vertical blinds for new offices in Ta' Sannat

| No. | Contractor | Amount € |
|---|---|---|
| 1. | Paul Camilleri | 1,263 |

**Item 8. Materja oħra**

1894 Is-Segretarju ppreżenta korrispondenza rigward il-bibien li saru fil-Kalkara tal-Ġir. Dawn kellhom isiru tal-aħmar u skond id-disinni tas-sejħa tal-kwotazzjonijiet, inkluż tieqa f'bieb minnhom. Il-bibien saru tal-marine plywood plywood bl-intavlar fuq ġewwa. Is-Segretarju kiteb lil Philip Formosa rigward dan. Dan ġie l-uffiċċju tal-Kunsill u fil-preżenza tas-Sindku qal lis-Segretarju li l-perit qallu biex jagħmel dan ix-xogħol tal-marine plywood fuq barra u biex jagħtihom iż-żebgħa għaliex ikun hemm inqas manutenzjoni. Is-Sur Formosa kiteb ittra lis-Segretarju fejn spjega dan bil-miktub. Is-Segretarju bagħat kopja tagħha lil Perit Scerri fejn irrisponda u qal li lilu kelmuh u hu avża lis-Sindku li hu mhux il-perit tal-Kalkara tal-Ġir, imma ħaddieħor u li żgur li hu lil mastrudaxxa ma qallux biex jagħmel dawn il-bibien tal-marine plywood. Hu qal li lilu kelmuħ rigward il-kulur taż-żebgħa. Is-Segretarju qal lill-Kunsill li jrid jimxu mar-regolamenti u proċeduri finanzjarji tax-xiri ta' xogħol, oġġetti u servizzi. Il-Kunsilliera qalu li mhux *fair* ma' ħaddieħor li kkompeta miegħu.

1895 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-Ombudsman talbu d-dokumenti kollha dwar l-interview għall-ħatra tal-iskrivana Part Time rigward l-ilment li kien sar.

1896 Rigward il-bank żgħir għal Triq Xabbata, is-Segretarju għandu jivvrifika jekk hemmx f'Malta u jinxtara wieħed.

**Item 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

1897 Ġew approvati l-pagamenti skont Skeda Numru 18 li hi annessa mal-Minuti.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |